# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tletin (30)**

**12 ta' Mejju, 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Victor John Curmi - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Bajada – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josephine Sultana – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

30.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stefan Bajada li ma setghax ikun preżenti ghal-laqgħa tal-lum.

30.1.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li dan għandu jiġi skużat.

**30.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

30.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 29 li saret nhar l-Erbgħa 7 ta' April 2021.

Il-Kunsillier Anthony Attard daħal għal-laqgħa fil-5.40pm.

**30.3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

30.3.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippreżenta tliet proposti (kopja tagħhom annessa ma' dawn il-minuti) li ħejjew il-kumpanija EMDP wara l-istudju li sar. Il-proposti huma suġġerimenti differenti ta' kif għandu jiġi mmaniġġjat it-traffiku speċjalment fit-toroq tal-qalba tar-raħal biex ikun hemm inqas konġestjoni. Huwa qal li llum it-traffiku żdied bil-bosta speċjalment vetturi kbar bħal krejnijiet, *double decker* u vetturi oħra kbar simili.

Is-Sindku qal, u l-kunsilliera preżenti qablu miegħu, li bħala rapport sar tajjeb ħafna kemm teknikament kif ukoll xjentifikament. Ġew ikkunsidrati ħafna problemi tat-traffiku li għandna fir-raħal. Huwa qal li hemm tliet għażliet f'dan l-istadju li huma – 1) jew ma jsir xejn, 2) jew isir kollox

f'daqqa kif propost mill-kumpanija EMDP jew 3) nibdew indaħħlu xi toroq *one-way,* milli hemm proposti, gradwalment.

Is-Sindku mbagħad stieden lil kull kunsillier sabiex jagħtu l-veduti tagħhom fuq dan ir-rapport.

Il-Viċi-Sindku Aaron Agius qal li parti minn dan il-proġett għandha tkun ukoll li jinqatgħu l-*heavy vehicles* milli jgħaddu minn Pjazza l-Vittorja. Għalhekk wara diskussjoni ġie deċiż li fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, fejn l-Għar ta' Għejżu u fejn ir-residenza 'Madonna Ta' Pinu' tal-familja Bajada, kif ukoll fejn it-Triq tat-Tafla għandhom isiru tabelli li ma jgħaddux *heavy vehicles* ħlief biex jagħtu servizz. Vetturi kbar oħrajn li mhux bżonnjuz li jgħaddu mill-Pjazza jużaw it-Triq tat-Tafla jew jiksru għal Triq l-Imqades jekk inkunu qabżu Triq it-Tafla.

Il-Kunsillier Victor Curmi qal li rridu noqgħodu ħafna attenti li x'ħin isiru l-*one-ways* u speċjalment meta tingħalaq il-pjazza kemm għall-attivitajiet tal-Kunsill, kemm ghall-attivitajiet tal-parroċċa kif ukoll attivitajiet li jistgħu jsiru mill-Gvern jew kultura, irid iku hemm rotot alternattiv li wieħed ma jsibx diffikulta' li jasal fejn għandu jasal.

Il-Kunsillier Anthony Attard qal li jaqbel ma' dak li qed jingħad pero' ma tistax tikkuntenta lil kulħadd għax dejjem ħa ssib lil min igerger. Huwa kompla li rridu naraw fejn l-inqas li jintlaqtu nies bid-deċiżjonijiet li jsiru.

Kulħadd qabel li dawn it-toroq għandhom jiġu mplimentati gradwalment u fuq perjodu ta' prova. Għalhekk id-diskussjoni imbagħad kompliet liema toroq *one-way* se jiġu mplimentati l-ewwel u ġie deċiż li se nibdew b'dawn it-toroq:

- **Triq Jannar** – l-ewwel parti tagħha jiġifieri minn fejn ir-residenza numru 5 tal-familja Refalo sal-bidu tat-Triq l-Għar ta' Ninu se tibqa' *two way.* Minn Triq l-Għar ta' Ninu safejn tgħaqqad ma' Triq Bullara se tiġi *one-way* l-isfel. Jiġifieri minn Triq Bullara ma tistax tidħol fi Triq Jannar. Fl-ewwel parti ta' Triq Jannar fejn tgħaqqad mat-Triq

Arċipriet Ġużepp Diacono sas-sqaq tal-familji Camilleri u Refalo se tkun tinżel 'l isfel biss lejn l-Għar ta' Ninu u l-parti quddiem il-bini tal-Azzjoni Kattolika se tkun titla' 'l fuq biss jiġifieri lejn Triq Arċ. Ġ. Diacono.

- **Triq il-Knisja** – Minn fejn il-Każin tal-PL safejn tgħaqqad ma' Triq San Ġużepp u Triq Ta' Bullara se ssir *one-way* tinżel 'l isfel lejn iċ-ċimiterju u n-naħat ta' Sruġ u Kortoll.

- **Triq l-Ispiera** – l-ewwel parti ta' din it-triq li minn Pjazza l-Vittorja tasal għal Triq Ta' Bullara se tkun *one-way* 'il fuq lejn Pjazza l-Vittorja u t-tieni parti ta' din it-triq li minn Triq Ta' Bullara twassal għal ġo Triq il-Knisja se tkun *one-way* 'l isfel lejn iċ-ċimiterju u l-inħawi ta' Sruġ u Kortoll.

Waqt din id-diskussjoni ġie deċiż li l-*buses* tal-*open top* jgħaddu minn Triq Ġnien Imrik, Triq l-Għar ta' Xerri, Bullara u Triq Spiera biex jaslu Pjazza l-Vittorja għax issa ma jkunux jistgħu jitilgħu minn l-ewwel parti ta' Triq il-Knisja. Għalhekk għandhom jgħaddu kif jgħaddi t-trasport pubbliku. Il-Kunsillier Victor Curmi ssuġġerixxa (għalkemm mhix imniżżla fil-proposti mressqa mill-kumpanija EMDP) biex parti minn Triq Ġnien Imrik, li minn Triq il-Knisja twasslek sat-Triq l-Għar ta' Xerri, tiġi *one-way* lejn l-inħawi ta' Triq Ġnien Imrik. Jiġifieri jekk inti ġej minn fejn il-Lukanda Cornucopia, biex titla' għall-Pjazza l-Vittorja, trid tuża Triq l-Għar ta' Xerri u ma tistax tmur lejn Triq il-Knisja. Dan sabiex ikun hemm *traffic flow* aħjar. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment.

Finalment, fuq din il-materja, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa ma' Trasport Malta, biex jitressqu l-proposti kif deċiżi mill-Kunsill, u jiġu mistiedna wkoll rappreżantanti mill-Korp tal-Pulizija u LESA sabiex dawn tal-aħħar ikunu infurmati bil-proposti mressqa sabiex anke jkunu ta' għajnuna f'kampanja edukattiva sakemm jindraw dawn it-toroq mill-pubbliku ġenerali.

30.3.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq Marsalforn għaddej u bħalissa waslu fl-aħħar xogħlijiet konnessi ma' servizzi.

30.3.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li rigward il-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku kien hemm intopp żgħir ma' tal-Heritage għaliex dawn talbu biex l-aħħar sular jiġi rtirat ftit 'il ġewwa. Wara li saru l-emendi mitluba, imbagħad ġie mitlub li jiġi ppreżentat *photo montage* tal-proġett. Dan qed jiġi mħejji mill-Perit Edward Scerri b'għajnuna ta' esperti oħrajn. Wara li joħroġ il-permess meħtieġ tal-proġett, se jiġi ffirmat il-ftehim għall-finanzjament mal-Ministeru għal Għawdex.

Rigward post biex iservi ta' Għassa tal-Pulizija, is-Superintendent Joe Hersey informa lis-Sindku li aktar milli jinstab post biex iservi ta' Għassa se jiżdied il-*patroling* fil-lokalita'. Intqal li tajjeb imma li jkun hawn post li jservi ta' Ghassa tal-Pulizija peress li dan huwa proġett li se jieħu s-snin. I-Superintendent informa lis-Sindku wkoll li għall-ħabta ta' Ottubru/ Novembru se jibda il-*community policing* fix-Xagħra.

30.3.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-proġett tal-*planters* tal-pjazza kważi lest. Li jonqos huwa li tiġi finalizzata s-sistema tal-irrigazzjoni. Għal dan il-għan sar qbil li jitqabbad kuntrattur u jħaffer l-ispiera oriġinali li hemm fix-*shelters* tal-pjazza forsi jinstab l-ilma biex jintuża għat-tisqija ta' dawn il-pjanti. L-ispiża m'għandhiex teċċedi dik ta' *direct order.*

30.3.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li peress li bħalissa s-Segretarji Eżekuttivi qegħdin fuq direttiva industrijali u m'humiex jaqdu l-funzjonijiet kollha tagħhom, hemm bżonn li jinħatar segreterju biex iservi flok is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni għat-*tender* tal-installazzjoni ta' fanali ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa. Is-Sindku ppropona li jkun William Sultana peress li huwa ntiż fuq is-sistema tat-

*tenders.* Ittieħed vot u r-riżultat kien ta' tliet kunsilliera favur u wieħed kontra.

Għalhekk dan il-bord se jkun iffurmat mill-Inġinier Paul Refalo bħala *Chairman,* Segretarju tal-Bord se jkun William Sultana u membri oħrajn se jkunu l-Inġiniera Daniela Attard, il-Perita Mariella Xuereb u l-Avukat Larry Formosa.

Il-Viċi-Sindku Aaron Agius semma l-bżonn li dan il-*belvedere* għandu jiġi livellat qabel ma jsir tisbiħ ieħor. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u għalhekk ser tintalab laqgħa mad-Direttur Elsie Caruana biex jiġi diskuss x'jista' jsir.

30.3.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li t-*tender* tar-*resurfacing* tal-aħħar parti ta' Triq Għajn Wajtar bil-konkrit għalqet u għalhekk hemm bżonn li jinħatar bord ta' aġġudikazzjoni. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' dawk li tefgħu t-*tender* li b'kollox kienu sitta. Il-Viċi-Sindku Aaron Agius astjena minn kull deċiżjoni fuq din it-*tender* peress li l-irħas wieħed huwa l-istess kuntrattur li għamel ix-xogħol tal-ewwel parti tal-istess triq, liema xogħol sar ħażin u baqa' ma tranġax.

Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda, b'żewġ voti favur u wieħed kontra, li l-bord ikun iffurmat mill-Perita Mariella Xuereb bħala *Chairman*, William Sultana bħala segretarju tal-bord u membri oħrajn se jkunu l-Avukat Francianne Muscat, il-Perit Johan Camilleri u Saviour Bonello.

**30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

30.4.1 Għalkemm din kienet *item* fl-aġenda, f'din il-laqgħa ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera. Is-Sindku pero' talab li meta ssir iċ-ċerimonja tas-Sette Giugno nhar is-7 ta' Ġunju, kulħadd jagħmel l-almu tiegħu li jattendi sabiex tkun okkażjoni li jittieħed ritratt uffiċċjali ta' dan il-Kunsill.

**30.5 Qari tal-Korrispondenza**

30.5.1 Is-Sindku Dr Christian Żammit qal li rċieva korrispondenza mill-Ministeru tal-Ġustizzja fejn infurmawh bix-xewqa tagħhom li jagħmlu bust lil Prim Imħallef Emeritu Profs. J.J. Cremona fix-Xagħra peress li huwa r-raħal fejn twieled. Huma talbu sabiex il-Kunsill jissuġġerixxi xi postijiet fejn jista' jsir biex imbagħad is-Sindku jressaq is-suġġerimenti f'laqgħa li se jkollu magħhom. Il-Kunsill iddeċieda li nissuġġerixxu il-*belvedere* ta' Triq il-Knisja (ta' fuq l-Ghar) peress li huwa qrib id-dar fejn twieled, il-ġnien ta' fejn il-Mitħna ta' Kola u l-ġnien fi Triq John Otto Bayer.

30.5.2 Ċirkulari numru SPI.SCI.5.2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ntitolata *Community Inclusive Employment Scheme 2021* li titratta skema ta' xogħol għall-persuni b'diżabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.3 Ċirkulari numru 016/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata *WUCF Webinar* – It-Tieni Sejha 07042021 u titratta dwar appoġġ finanzjarju għal dawk il-Kunsilli Lokali interessati biex jagħmlu studju ta' kif jista' jsir investiment fl-enerġija effiċċjenti u sostenibbli. Il-Kunsill innota il-kontenut.

30.5.4 Ċirkulari numru 032/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata *Infrastructure – The future of our localities* fejn infurmaw lill-Kunsill Lokali li ser isir *webinar* ieħor bis-suġġett ikun dwar id-Dekasteru tal-Infrastruttura. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.5 Ċirkulari numru 025/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata *Mental First Aid* fejn infurmaw lill-Kunsill li fadal ftit postijiet għal taħriġ organizzat mill-AKL dwar is-saħħa mentali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.6 Ċirkulari numru 027/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' *charging pillars'*. Intqal li jekk se jiġu allokati postijiet sabiex isiru dawn iċ-*charging pillars* se jitnaqqas dejjem il-parkeġġ. Hemm diġa spazju allokat għal dan il-għan fi Triq l-Imqades. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jipproponi ebda post pero' jekk

huma għandhom xi proposti dawn għandhom jitressqu għad-diskussjoni quddiem il-kunsill qabel jiġu mplimentati.

30.5.7 Ċirkulari numru 033/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'CRPD- Disability Equality Training' fejn għarrfuna li ser isir taħriġ mingħajr Disability Equality. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.8 Ċirkulari numru 035/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Komunikat dwar tibdil fil-leġislazzjoni 65.13 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.9 Ċirkulari numru 037/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Group Life Policy' li titratta dwar polza fuq il-ħajja għall-kunsilliera eletti. Din il-polza tagħti benefiċċju ta' €30,000lill-qraba f'każ li Membru Elett jiġi nieqes meta jkun fil-kariga. Il-ħlas huwa ta' €65 għal kull Kunsillier. Il-Kunsill qabel li din il-polza ssir.

30.5.10 Ċirkulari numru 039/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Supporting Individuals to meet daily living needs – Mentor Aid Session 28/05/2021' li titratta dwar sezzjoni ta' taħriġ dwar dan is-suġġett. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.11 *E-mail* mingħand JuliJane Malta Wedding, rigward talba għall-ċerimonja tat-tieġ fir-Ramla il-Ħamra nhar is-27 ta' Lulju 2021. Se tintalab aktar informazzjoni dwar f'hiex se tikkonsisti ċ-ċerimonja u din il-korrispondenza terġa' titressaq għal-laqgħa li jmiss.

30.5.12 *E-mail* mill-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunita', bi stedina għall-konferenza Anzjanita' Attiva, nhar il-11 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.12 *E-mail* mingħand il-'Maltese Olympic Committee', fejn tawna informazzjoni dwar 'The Queen's Baton Relay'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.13 *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar Emenda fil-*policy* dwar id-Devoluzzjoni Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.14 *E-mail* mingħand l-EDEN li fiha qed jistaqsu lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra humiex ser jissieħbu fil-BeCultour Community permezz tal-EDEN Network. Il-Kunsilliera preżenti talbu aktar informazzjoni għalhekk se ngħidu lill-*Executive Officer* Manolita Manicaro sabiex tiġbor aktar informazzjoni u titressaq fil-laqgħa li jmiss.

30.5.15 *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar Skema ta' Sterilizzazzjoni għal-Qtates tat-triq fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

30.5.16 E-mail mingħand l-FECC sabiex tiġi organizzata *hat competition.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

**30.6 Ilmenti mir-residenti**

30.6.1 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex parti fil-Wied tal-Għeżien, fejn ġa sar xi xogħol, titwitta b'gaffa u tingħata ftit torba. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jsir ftit siment sabiex l-ilma jaqleb għal ġenb tat-triq u ma jergax jieħu t-torba li tkun saret. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir.

30.6.2 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex Triq Għajn Wajtar u l-Wied tal-Fellies jinqatgħu mill-ħaxix ħażin. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

30.6.3 Talba mingħand Chris Camilleri, I.D. 25579G, sabiex titkabbar il-*loading/unloading bay* li tinsab quddiem il-ħanut tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Viċi-Sindku Aaron Agius qal li ma jixtieqx ikun parti mid-diskussjoni fuq din it-talba. Il-membri l-oħra preżenti ddiskutew din it-t li quddiem dan il-ħanut diġa jeżisti *loading/unloading* u jekk issir oħra se jkompli jonqos il-parkeġġ kemm għar-residenti kif ukoll għal min irid juża s-servizzi ta' ħwienet li hemm f'din it-triq. Il-problema hi li dan il-ħanut għandu żewġ entraturi, waħda għall-klijenti u l-oħra minn fejn idaħħlu l-

merkanzija bħal siment eċċ. Għalhekk wara d-diskussjoni ġie deċiż li s-Sindku jitkellem ma' Chris Camilleri biex forsi tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

30.6.4 Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex il-Kunsill japplika għal skema tal-*Wasteserv* li fiha jħallas €25 fis-sena u jkun jista' jtella' ilma b'xejn għat-tisqija tal-pjanti fil-ġonna pubbliċi li jaqgħu fir-responsabbilita' tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u għalhekk se nikkuntattjaw lill-*Wasteserv* biex naraw x'hemm bżonn isir.

30.6.5 Talba mingħand Daphne Sant Caruana, kuratur tat-Tempji tal-Ġgantija u l-Mitħna Ta' Kola, sabiex isir *shifting* tan-*no entry sign* li jinsab imwaħħal ħdejn il-faċċata tal-Mitħna Ta' Kola u biex *directional signs* li hemm imwaħħlin mal-faċċata jinqalgħu u jitwaħħlu fuq ħadida. Dan peress li qed jagħtu dehra kerha lill-faċċata tal-Mitħna speċjalment x'ħin jittieħed ritratt. Il-Kunsill qabel ma' dawn it-talbiet u rigward in-*no entry sign* se nikkuntattjaw lil Transport Malta.

30.6.6 Talba mingħand Joseph Grima ta' Triq Għajn Qamar sabiex passaġġ li hemm fi Triq Għajn il-Ġdida jsir bis-siment. Peress li mal-ilment m'hemmx dikjarazzjoni jekk is-sqaq hux pubbliku jew privat, se nikkuntattjaw lil Joseph Grima biex iġib tali dikjarazzjoni.

30.6.7 Talba mingħand Coronato Calleja ta' Triq l-Għar ta' Ninu sabiex jinbena ħajt fl-għalqa tiegħu li tagħti għat-triq. Rigward dan l-ilment, il-Kunsill iddeċieda li jitlob ritratt tal-ħajt sabiex naraw eżatt x'inhu jitlob.

30.6.8 Talba mingħand GianPaolo Xerri sabiex il-bozza li tinsab imwaħħla mar-residenza tiegħu titneħħa peress li ser jaqa' l-bini. Il-Kunsill qabel li din il-bozza titħarrek u għalhekk ser issir applikazzjoni sabiex din il-bozza tiġi *shifted.*

30.6.9 Talba mingħand Michael Attard ta' Triq Qaċċa sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem l-intrata tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill

ma sabx oġġezzjoni għal dan l-ilment u għalhekk se jintbagħat lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

30.6.10 Talba mingħand Claire L. Beswick ta' Triq Marsalforn sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tagħha peress li din il-parti tat-triq hija dejqa u qed issib diffikulta' biex toħroġ il-vettura tagħha mill-garaxx jekk ikun hemm il-karozzi ipparkjati faċċata tagħha. Peress li t-talba għas-sinjali qed issir biex isiru quddiem il-faċċata ta' din ir-residenza se ngħidulha biex iġġib *no objection* mingħand is-sid tar-residenza tal-faċċata.

30.6.11 Talba mingħand Eucharist Sultana fejn qed jgħid li fid-dar li hemm taħt Calypso Cave qed ikun hemm ħafna nies li jinġabru hemm u jħallu ħafna boroż tal-iskart warajhom. Qed jitlob biex jinġabru dawn il-boroż u jekk jistax isir xi ħaġa bħal tabella. Intqal li d-dar li hemm hija privata. Li nistgħu bħala Kunsill inaddfu t-triq għalhekk se nikkuntattjaw lil Henry Cefai mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika u naraw jekk jistax inaddafha bil-ħaddiema ta' dan id-Dipartiment.

30.6.12 Talba mingħand David Attard ta' Pjazza l-Vittorja biex jinqalgħu l-bankijiet ta' quddiem l-għalqa tiegħu fi Triq Sruġ għax in-nies qed iwaqqgħu l-ħajt tiegħu għax jitilgħu fuqu u jitfgħu l-iskart fl-għalqa tiegħu. Qed jitlob ukoll sabiex isir *doggy bin* fl-inħawi. Il-Kunsill innota dan l-ilment u rigward il-bankijiet ngħidu lil David Attard jissuġġerixxi post alternattiv biex jitwaħħlu l-bankijiet.

30.06.13 Talba mingħand Joseph Gauci ta' Triq il-Knisja sabiex isir *patching* bis-siment fit-triq li minn fejn Ta' Frenċ twasslek għal tal-Għeżien u jinqata' l-ħaxix fl-istess triq. Din it-talba hija l-istess talba li ġiet diskussa f'punt 30.06.1 ta' din il-laqgħa.

30.06.14 Talba mingħand Joseph Refalo ta' Triq il-Knisja sabiex ħajt baxx li hemm fi Triq Ġnien Imrik jinbena bil-kantun għax magħmul bil-ġebel tal-gagazza u kull darba qed jitkisser minn vetturi kbar b'konsegwenza li l-ġebel qed jaqa' fl-għalqa tiegħu. Intqal li dan il-ħajt, apparti l-ħsara li tidher 'il fuq

mit-triq, għandu ħsara aktar gravi li tibda minn isfel minn ġol-għalqa. Ġie deċiż li nikkuntatttjaw lill-Perita Mariella Xuereb sabiex tagħmel rapport tal-ħsara li hemm f'dan il-ħajt u x'hemm bżonn isir.

30.06.15 Ilment mingħand Carmen Galea Mizzi ta' Triq Karkar minħabba xogħol ta' kostruzzjoni li qed isir f'din it-triq. Il-krejn li qed jintuża qed jimblokka l-aċċess lir-residenti u anke għamel ħsara lill-gradilja tal-*water culvert* li hemm fil-bidu ta' din it-triq. Rigward il-krejn il-kwistjoni ġa ġiet solvuta għaliex anke tela' gwardjan lokali u issa qed jagħmel il-permessi meħtieġa u jaħdem kif suppost. Rigward il-ħsara tal-gradilja se nagħmlu rapport fl-Għassa tal-Pulizija.

30.06.16 Talba mingħand Heather Muscat ta' Triq Ta' Bertrija biex isiru *double yellow lines* mal-kantuniera tad-dar taghhom peress li t-triq dejqa u qed jipparkjaw ħażin b'konsegwenza imbagħad li ssir ħsara anke mal-proprjeta'. Qed titlob ukoll li sinjali li għandha mal-garaxx jerġgħu jinżebgħu għax m'għadhomx jidhru. Rigward it-talba għal sinjali ġodda se tintbagħat lil Transport Malta u rigward is-sinjali li m'għadhomx se nagħmlu talba biex jerġgħu jinżebgħu.

30.06.17 Talba mingħand Carla Marie Vella fejn talbet li jsiru aktar *dogg bins* fix-Xagħra speċjalment fit-toroq Għejjun, Għajn Ħosna sar-Ramla u Triq Marsalforn. Intqal li *doggy bins* hawn numru sostanzjali fix-Xagħra u ġeneralment qed jintużaw ħażin għax qed jintefa' kwalunkwe skart fihom. Il-Kunsill innota dan l-ilment u għalissa mhux se jiżdiedu *bins.*

30.06.16 Talba mingħand Stephen Mallia tal-LESA sabiex *parking bay* tad-*disable* tinżebagħ kollha għax miżbugħa nofsha u ssir tabella fuq *pole* kif titlob il-liġi. Rigward iż-żebgħa fl-art se nikkuntattjaw lid-Dipartiment tat-toroq biex il-kaxxa tinżebagħ sewwa u rigward it-tabella se nikkuntattjaw lil Rafel Refalo biex jagħmel waħda.

30.06.17 Talba mingħand Peter Theuma ta' Triq l-Għejjun fejn qed jitlob sabiex isiru sinjali sofor quddiem l-entratura tal-blokk tal-*flats* fejn joqgħod peress li

ġieli jipparkjaw il-karrozzi u ma jħallux aċċess li jkun jista' joħroġ. Se ngħaddu din it-talba lil Transport Malta.

30.6.18 Talba mingħand Shannon Vassallo ta' Triq il-Kummittiva fejn qed titlob biex fuq naħa waħda tal-garaxx tagħha jsiru sinjali sofor għax jekk jipparkjaw il-vetturi ma tkunx tista' tidħol jew toħrog mill-garaxx. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u għalhekk se nibgħatu t-talba lil Transport Malta.

30.6.19 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li qegħdin jidħlu diversi ilmenti dwar ħaxix ħażin fit-toroq kemm urbani kif ukoll dawk ġor-raba'. Hija qalet li bil-ħaddiema assenjati mal-Kunsill biss ħa jdum biex jitlesta x-xogħol għax barra l-qtugħ ta' ħaxix iridu jagħmlu xogħol ieħor bħal tisqija, ibattlu l-*bins,* jiġbru l-*bulky* ecc. Sar qbil biex nqabbdu lil Fabio Azzopardi biex jaqta' xi toroq mill-ħaxix ħażin speċjalment dawk ġor-raba'.

**30.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

30.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Josephine Sultana ppreżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti. L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament

30.7.2 Apparti l-pagamenti li kien hemm fl-iskeda, il-Kunsill approva wkoll €50 lil Joseph Bartolo tas-servizz li ta waqt iċ-ċerimonja ta' Jum ix-Xagħra u €100 lill-Knisja Parrokkjali bħala kumpens għax-xogħol u spejjeż li saru peress li ċ-ċerimonja saret fil-Knisja Bażilika.

30.7.3 Il-Viċi-Sindku Aaron Agius ssuġġerixxa li meta bħala Kunsill nqassmu materjal informattiv jew b'avviżi mal-Bullettin tal-Parroċċa nagħtu ħlas żgħir, imqar ta' €25, għas-servizz mogħti. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

**30.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

30.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.20pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 1 ta' Ġunju 2021 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Josephine Sultana**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**